~~tagħna', imma 'l Alla nitolbu jisilfek iżjed, biex tibqa' taqla' mija fil-mija fil-qasam li l-Mulej tak taqdi magħna. Għal min hu bħalek biss u daqsek igħodd kliem ix-xwejjeħ Ben Sira:~~

> ~~'Kemm idum ħajj, ismu mweġġah aktar minn elf,~~
> ~~u wara li jistrieħ aktar jissemma.'~~

~~Saydon imut, imm' ismu jibqa', u tibqa' l-kitba tiegħu.~~

## GENESIS

*Fi lwien ta' l-għaġeb kienet tgħum is-sema*
*Imdendla ġewwa l-baħħ;*
*Herqana x-xemx satritha b'mitt elf demgħa*
*Bi truf subgħajha twal.*
*Il-jum, xurban b'inbid il-hena u l-għana,*
*Beda triqtu mitluf f'żifna ġitana.*

*U għadda jtir fuq tal-ħolqien il-qtajja'*
*Nifs il-Qawwa li trodd,*
*B'ħilitha ġġedded kull minfuħ bil-ħajja;*
*U f'dil-firxa bla qies,*
*Welled, f'dak l-għoli, fewġa kollha fwieħa*
*U bagħatha tirgħa fuq l-art xierfa u xiħa.*

*U l-art ħaddnitha bħalma tross fuq qalbha*
*Naħla għasel il-ward.*
*Għanniet il-fewġa sakemm ġiet imsallba*
*Fuq l-għuda ta' l-għixien.*
*Baqgħet tfaħħar, bħal siġra, 'l min żeragħha*
*Li, għax riedha tixbhu, bagħat xbiehietu magħha.*

3.viii.56. KARMENU MALLIA